MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 2667/1996/1

**David Agius**
**v.**
**Maurice Galea**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Settembru, 1996 l-attur ippremetta illi b'Award tat-Tribunal Industrijali, datat 12 ta' Dicembru, 1999, fil-Kaz numru 538 – Kwistjoni tax-Xoghol bejn Maurice Galea u Hotel Regent kif rapprezentata minn David Agius, l-istess Hotel Regent giet ordnata li thallas is-somma ta'

LM1,690 (elf sitt mija u disghin lira Maltija) lil Maurice Galea, billi l-istess Tribunal Industrijali sab illi t-tkeccija ta' Maurice Galea mill-post tax-xoghol tieghu mal-Hotel Regent kienet wahda ingusta; illi in forza ta' l-istess decizjoni, Maurice Galea talab u ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Qbid kontra l-attur David Agius, liema mandat gie ezegwit fuq vettura ta' l-ghamla Mustang, ta' kulur iswed, bin-numru ta' registrazzjoni D-4400 u li hi proprjeta` personali ta' l-attur David Agius, liema esekuzzjoni giet segwita bir-rikors ghall-bejgh subasta (numru 25/96) ta' l-imsemmija vettura; illi ghalhekk il-konvenut qieghed effettivament jitlob illi s-sentenza tigi ezegwita kontra l-attur David Agius personalment u mhux kontra l-Hotel Regent; illi l-istess konvenut Maurice Galea qatt ma kien impjegat ma' l-attur David Agius personalment, imma mas-socjeta` kummercjali Regent Enterprises Limited u fiz-zmien tat-tkeccija tieghu mill-impieg kien ghadu hekk impjegat u fil-fatt gie licenzjat mill-imsemmija kumpanija – ara dokumenti A, B u C; illi ghalhekk id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fuq imsemmija, ma setghet qatt tigi moghtija fil-konfront ta' l-attur David Agius personalment u inoltre il-kaz ta' Maurice Agius gie istitwit erroneament billi huwa qatt ma kien impjegat ma' l-attur David Agius personalment izda ma' Regent Enterprises Limited; illi konsegwentement id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija nulla u bla effett fil-ligi in kwantu tolqot lill-attur personalment, billi qatt ma kien hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-attur personalment u l-konvenut, fir-rigward ta' l-impieg ta' l-istess konvenut; illi ghalhekk il-Mandat Ezekuttiv kontra l-proprjeta` personali ta' l-attur gie mahrug erroneament; kien ghalhekk li l-attur talab li dik il-Qorti  tiddikjara u tiddeciedi:-

1. Illi l-konvenut Maurice Galea qatt ma kien impjegat ma' l-attur David Agius fil-kapacita` tieghu personali;
2. Illi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fil-kaz precitat – Kaz Numru 538 – Kwistjoni tax-Xoghol bejn Maurice Galea u Hotel Regent kif rapprezentata minn David Agius – ma taghmel ebda stat bejn il-konvenut Maurice Galea u l-attur David Agius fil-kapacita` tieghu personali;
3. Illi l-Mandat ta' Qbid numru 1/94, mahrug a skorta ta' l-imsemmija 'Award' kontra l-attur David Agius

personalment, kif ukoll il-konsegwenti subasta numru 25/96, gew mahruga hazin ghal kull fini u effetti tal-ligi; u
4. Konsegwentement tordna illi l-imsemmi Mandat ta' Qbid numru 1/94 fl-ismijiet Maurice Galea v David Agius, jigi revokat u jinhareg l-opportun kontro-mandat u l-imsemmija subasta numru 25/96 tigi mwaqqfa definittivament u kancellata ghal kull fini u effett tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt biex jidher u ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fl-4 ta' Gunju 1997 il-konvenut Maurice Galea eccepixxa:-
1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur u dan ghar-ragunijiet segwenti.
2. Illi l-lanjanza ta' l-attur illi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fil-kaz Numru 538 – Kwistjoni tax-Xoghol bejn Maurice Galea u l-Hotel Regent kif rapprezentata minn David Agius qatt ma setghet tigi moghtija fil-konfront ta' l-attur personalment diga` giet imqajma permezz ta' rikors quddiem l-istess Tribunal Industrijali u respinta b'digriet moghti mill-istess Tribunal Industrijali fis-27 ta' Gunju, 1996, u ghaldaqstant tali kwistjoni ma tistax terga' titqajjem ghal darb'ohra stante li hija 'res judicata'.
3. Illi inoltre l-procedura quddiem it-Tribunal Industrijali saret kontra l-attur David Agius fil-vesti tieghu personali u mhux in rapprezentanza tal-Hotel Regent illi m'ghandha l-ebda personalita` guridika u ghaldaqstant id-decizjoni tat-tribunal Industrijali – Award 538 – taghmel stat fil-konfront ta' l-attur personalment.
4. Illi konsegwentement m'huwiex minnu illi l-mandat ezekuttiv mahrug fuq il-vettura ta' l-ghamla 'Mustang' bin-numru ta' registrazzjoni D-4400, proprjeta` ta' l-attur – inhareg erronjament, anzi tali mandat ezekuttiv inhareg validament u skond il-ligi.
5. Illi in rigward ta' l-ewwel talba din il-kwistjoni diga` giet ikkunsidrata, deciza u determinata mit-Tribunal Industrijali, kif suespost, u ghalhekk hija 'res judicata'.
6. Illi bit-tieni talba tieghu l-attur qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tagixxi bhala tribunal ta' revizjoni

fir-rigward ta’ decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali, liema rimedju ma jezistix skond il-ligi.

7. Illi t-tielet u r-raba’ talbiet isegwu mill-ewwel zewg talbiet u ghalhekk ghandhom jigu respinti wkoll.

8. Illi in realta` l-kawza intavolata mill-attur hija holqa ohra fil-katina ta’ vessatorjetajiet u ta’ attentati da parti ta’ l-istess attur sabiex l-eccipjent odjern jigi mcahhad minn dik is-somma flus lilu spettanti kif determinata bid-decizjoni tat-Tribunal Industrijali.

9. Illi, di piu`, l-attur, malizzjozament qed jipprova jghaddi l-oneru tal-hlas fuq is-socjeta` Regent Enterprises Limited, li giet likwidata jew qieghdha fi stat ta’ likwidazzjoni, sabiex il-konvenut jibqa’ ma jithallasx – l-insult ennezimu wara li kien tkecca mix-xoghol ingustament.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tas-26 ta’ Ottubru, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet minn din il-kawza billi astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba u cahdet it-tieni, it-tielet u r-raba’ talbiet bl-ispejjez kontra l-attur u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

*“Illi l-ewwel talba attrici hija biex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-konvenut qatt ma kien impjegat mill-attur fil-kapacita` tieghu personali. Jirrizulta ampjament car mid-dokumenti esebiti li effettivament il-konvenut kien impjegat mir-Regent Enterprises Ltd u mhux minn David Agius fil-kapacita` tieghu personali;*

*“Illi nonostante dan, il-kaz gie intavolat quddiem it-Tribunal mill-konvenut kontra il-“Hotel Regent kif rapprezentat mis-Sur David Agius”. Il-“Hotel Regent” ma ghandha ebda personalita` guridika u ghalhekk gie li l-kaz sar kontra l-attur personalment. L-attur fix-xhieda tieghu spjega li ma kienx induna li effettivament il-kaz kien dirett kontrih personalment u ghalhekk f’ebda mument ma ssottometta li ma kienx il-legittimu kontradittur, bil-konsegwenza li wara li l-kaz inqata` u sussegwentement intlaqghet it-talba ghall-hrug tal-mandat ta’ qbid, dan inhareg kontrih personalment u nqabdet karozza tieghu personali;*

*“Illi kien biss f’dan l-istadju li l-attur induna bil-fatt li l-kaz gie intavolat skorrettament u ghalhekk ghamel rikors quddiem it-Tribunal fejn ikkontenda li l-mandat ta’ qbid esekuttiv kien null, liema rikors kien gie michud fid-decizjoni moghtija fis-27 ta’ Gunju, 1996;*

*“Illi l-attur jidhirlu li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali m’ghandhiex taghmel stat bejn Galea u bejnu fil-kapacita` tieghu personali. Jidhirlu li t-Tribunal agixxa ultra vires ghax id-decizjoni inghatat kontra persuna li mhux il-legittimu kontradittur. Il-Qorti pero` ma jirrizultalhiex li t-Tribunal agixxa oltre l-poteri tieghu. Kull ma kellu jaghmel kien li mill-provi migbura jiddeciedi jekk it-tkeccija ta’ l-impjegat mill-impieg kinitx ingusta jew le. Jekk il-kaz gie intavolat erronjament kontra persuna li mhix il-legittimu kontradittur, kien jinkombi proprju fuq din il-persuna li ggib dan il-fatt a konjizzjoni ta’ l-istess Tribunal. Bl-ebda mod ma jirrizulta li Agius ma inghatax l-opportunita` li jaghmel is-sottomissjonijiet jew li ma kienx hemm smiegh xieraq fil-konfront tieghu;*

*“Illi bhala konsegwenza tal-fatt li l-attur ma ezaminax sew l-okkju tal-kaz quddiem it-Tribunal, u li qatt ma gab l-izball a konjizzjoni ta’ l-istess Tribunal, id-decizjoni li inghatat kienet kontrih personalment u mhux kontra r-Regent Enterprises Ltd, u l-mandat ta’ qbid relattiv inhareg kontrih personalment u mhux kontra r-Regent Enterprises Ltd, tant li l-oggett li nqabad kienet vettura tieghu personali;*

*“Illi fid-decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali fit-12 ta’ Dicembru 1990 gie dikjarat li t-tkeccija ta’ Galea kienet ingusta u li l-istess Galea kellu jiehu kumpens ta’ elf sitt mija u disghin lira Maltin (LM1690) li kellhom isiru fi tlett pagamenti, l-ahhar wiehed mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 1991. Il-Qorti tosserva li l-attur irrizenja minn direttur tar-Regent Enterprises fit-13 ta' Novembru 1991 (fol 99) ghalhekk anke jekk l-attur kien taht l-impressjoni li d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali kienet kontra r-Regent Enterprises Ltd u mhux kontrih personalment, din il-Qorti ma tistax ma tirrelevax li huwa kien direttur ta’ l-istess kumpanija u, kif xehed in kontro-ezami, kien anke*

*manager u d-decizjoni li l-konvenut jigi sospiz kienet decizjoni tieghu stess. L-attur kien taht l-impressjoni li huwa kien qed jirraprezenta r-Regent Enterprises Ltd u li d-decizjoni kienet kontra r-Regent Enterprises Ltd u mhux kontrih personalment, izda anke bhala rapprezentant ta' l-istess socjeta`, wara li nghatat id-decizjoni ghalkemm kien rega' dahhal lil Galea ghax-xoghol huwa naqas li jhallas il-kumpens ordnat lill-istess Galea, liema kumpens kellu jithallas fiz-zmien li Agius kien ghadu direttur. Li kieku l-attur David Agius, bl-impressjoni li kellu li huwa kien qed jirraprezenta lis-socjeta` Regent Enterprises Ltd u li d-decizjoni kienet kontra l-istess Regent Enterprises Ltd, aderixxa ruhu mad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali u hallas lill-konvenut il-kumpens dovut "ghan-nom u in rapprezentanza ir-Regent Enterprises Ltd" il-konvenut ma kienx ikun kostrett juza r-rimedji li ghandu sabiex id-decizjoni tigi esegwita; huwa naqas assolutament li jiehu l-passi mehtiega meta mill-atti quddiem it-Tribunal kien car ghal kollox li l-azzjoni ma kinitx indirizzata kontra s-socjeta`;*

*"Ghalhekk ghalkemm hija sitwazzjoni infelici li minhabba zvista da parti ta' l-attur (jekk din kinitx zvista jew saret b'xi skop, ma jirrizultax) id-decizjoni tat-Tribunal spiccat biex taghmel stat bejn il-konvenut u l-attur David Agius personalment bil-konsegwenza li l-mandat ta' qbid inhareg kontra l-istess Agius personalment. Ghandu jigi rilevat li l-istess sitwazzjoni infelici ikkrreaha l-istess Agius fil-kapacita` tieghu ta' direttur, li jallega li ghalkemm kien taht l-impressjoni li kien qed jirraprezenta lil Regent Enterprises Ltd fil-proceduri quddiem it-Tribunal u li d-decizjoni kienet kontra l-istess Regent Enterprises Ltd, huwa naqas li jiehu passi sabiex il-konvenut jithallas il-kumpens da parti tar-Regent Enterprises Ltd;*

*"Illi dwar l-ewwel talba il-Qorti tirrileva li din gia` giet konsidrata mit-tribunal kompetenti u ghalhekk sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha."*

**L-appell ta' l-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors ipprezentat fid-9 ta' Novembru 2001 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kolhha migjuba 'l quddiem mill-konvenut appellat, tilqa' t-talbiet kollha promossi mill-attur appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Fir-risposta tieghu l-konvenut appellat rrileva li s-sentenza appellata hija wahda gusta li timmerita konferma u ghalhekk talab li ghar-ragunijiet moghtija minnu fl-imsemmija risposta l-appell jigi michud u s-sentenza konfermata.

L-aggravji mressqa mill-appellant huma basikament tlieta u cioe`:

a) Illi l-ewwel Qorti naqset milli tapplika l-principju li l-prova tinkombi fuq minn jallega u mhux fuq minn jinnega.

b) Illi dawn il-proceduri huma proceduri ta' impunjazzjoni ta' decizjoni tat-Tribunal Industrijali u ghalhekk l-ewwel Qorti qatt ma kellha tichad l-ewwel talba ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza.

c) Illi t-Tribunal Industrijali agixxa *ultra vires* billi ghadda gudizzju fuq persuna li ma kellha ebda locus standi quddiemu ghaliex kienet estranea kompletament ghall-kuntratt tax-xoghol.

**Ikkunsidrat:**

It-Tribunal Industrijali kostitwit a tenur ta' l-Artikolu 26 tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta (L-Att Dwar r-Relazzjonijiet Industrijali) ghandu gurisdizzjoni eskluziva biex jikkonsidra u jiddeciedi dwar kazi ta' tkeccija ingusta mill-impieg li jigu riferuti lilu[1]. Bhala tali kull decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali, bhal ma hi dik moghtija fit-12 ta' Dicembru, 1990 fil-"Kwistjoni tax-Xoghol bejn Maurice Galea u Hotel Regent kif rapprezentata mis-Sur David Agius" tohloq stat legali bejn il-kontendenti b'mod li tali sentenza tista`

[1] Ara art. 28 (1) tal-Kap 266.

tinghata effett mill-istess Tribunal bl-ispedizzjoni ta' mandati kif preskritt fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili[2].

Huwa principju ormai rikonoxxut u stabbilit li l-gudikat "*jassorbi kull eccezzjoni li kien imissha, jew setghet, giet sollevata fil-mertu*"[3] b'mod li kontra dak il-gudikat ma jistghux jingiebu deduzzjonijiet li jmisshom ingiebu, u setghu jingiebu, fil-kawza irrevokabilment definita. B'dana kollu fil-kazijiet li jitmexxew quddiem it-Tribunal Industrijali kif kontemplati fil-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta u billi dik il-ligi ma kkoncedietx id-dritt ta' appell mid-decizjonijiet ta' l-istess Tribunal Industrijali, il-Qrati Ordinarji jaqdu l-funzjoni ta' Qorti ta' Kassazzjoni mid-decizjonijiet moghtija mill-istess Tribunal meta jikkonkorru xi wiehed mis-segwenti elementi:-

(1) meta d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tkun '*ultra vires'*;
(2) meta fil-procedura segwita quddiem it-Tribunal Industrijali ma jkunx gie assigurat li l-gustizzja ssir skond il-meritu tas-sustanza tal-kaz u dana bla hsara ghar-regoli tal-gustizja naturali; u
(3) meta t-Tribunal jaghti decizjoni li tkun kontra xi ligi miktuba jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi li jirregola l-pagi u pattijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impieg.[4]

Il-Qrati ordinarji ghalhekk, f'materja simili, ghandhom gurisdizzjoni limitata nkwantu mhux kompitu taghhom li jirriezaminaw jew jirrevedu l-meritu tal-kontroversja li giet deciza mit-Tribunal Industrijali[5] izda l-indagini li ghandha ssir trid tkun diretta lejn otteniment ta' dikjarazzjoni ta' nullita` ta' dik id-decizzjoni tat-Tribunal ghal xi raguni msemmija aktar 'l fuq.

Fil-kaz in ezami jidher li t-talbiet attrici ma jinkwadrawx fil-parametri imposti mill-gurisprudenza u li huma

[2] Ara art. 34 (3) tal-Kap 266.
[3] Appel Civili Superjuri "Anna Magro v. Emanuel Psaila noe et" deciza 6/12/2002
[4] Ara Appell Civili Superjuri 20 ta' Mejju, 1991 in re. "John Holland noe v. Julian Schembri"
[5] Ara Appell Civili Superjuri 17 ta' Mejju, 1993 in re. "Avukat Dottor Vincent Falzon noe v. Isabelle Grima"

generalment rikonoxxuti f'kazijiet ta' proceduri istitwiti wara decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali. Infatti l-proceduri istitwiti mill-attur appellant huma principalment indirizzati lejn dikjarazzjoni ta' nullita` ta' l-atti sussegwenti ghad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali u senjatament il-Mandat ta' Qbid u l-proceduri ta' subbasta li segwew l-istess mandat, liema mandat inhareg in ezekuzzjoni tas-sentenza tat-Tribunal Industrijali. Ghalkemm huwa minnu li fil-premessi tac-citazzjoni jinghad li, ghar-ragunijiet moghtija, id-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija "nulla u bla effett", ma jidher li saret ebda talba specifika li biha l-Prim Awla giet mitluba tiddikjara ruhha fuq din in-nullita` allegata: ghalkemm fit-tieni talba tac-citazzjoni promotorja intalbet dikjarazzjoni li dik id-decizjoni tat-Tribunal "*ma taghmel ebda stat bejn il-konvenut Maurice Galea u l-esponent (attur) fil-kapacita` tieghu personali*", anke fil-kaz li l-ewwel Qorti setghet tinvesti l-ilment mressaq mill-attur – haga li skond il-principji enuncjati hawn fuq ma kinitx fil-kompetenza taghha li taghmel – tali dikjarazzjoni ma kienet qatt twassal ghad-dikjarazzjoni tan-nullita` ta' dik id-decizjoni. Dan qed jinghad partikolarment b'referenza ghat-tieni aggravju mressaq mill-appellant billi, kuntrarjament ghal dak li jinghad fir-rikors tal-appell, dawn il-proceduri qatt ma kienu intizi li jwasslu ghall-impunjazjoni tad-decizjoni tat-Tribunal Industrijali. Izjed u izjed meta donnu jidher li l-allegata impunjativa hija indirizzata mhux lejn id-decizjoni tat-Tribunal moghtija fit-12 ta' Dicembru, 1990 izda piuttost lejn id-digriet moghti mill-istess Tribunal fis-27 ta' Gunju, 1996[6] meta giet michuda talba maghmula mill-attur appellant odjern a tenur ta' l-Artikolu 35 tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta u dana nkwantu fid-decizjoni originali qatt ma qamet il-kwistjoni ta' min kien l-"*employer*" tal-konvenut odjern.

Illi dwar l-ewwel aggravju jigi rilevat li ghalkemm huwa minnu li fl-atti ta' dawn il-proceduri rrizulta b'mod lampanti li d-datur tax-xoghol tal-konvenut in effeti ma kienx l-attur odjern izda socjeta`, kien jinkombi fuq l-attur Agius li jressaq din l-eccezzjoni fl-istadju tal-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali – haga li ma ghamilx. Id-decizjoni ghalhekk giet moghtija fil-konfront tal-persuni involuti fil-

[6] Fol. 31 tal-process.

kaz u tali decizjoni ma tistax issa tigi riveduta fuq l-iskorta ta' provi godda, billi ma jirrizultax li tali decizjoni, fil-parametri tal-kaz li l-istess Tribunal kellu quddiemu, b'xi mod naqset li tassikura li l-gustizzja ssir "*skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz*" jew li dak it-Tribunal agixxa "*ultra vires*" jew kontra xi ligi miktuba. F'dan ir-rigward din il-Qorti tikkondividi dak li intqal mill-Qorti tal-Prim Istanza u cioe` "*Il-Qorti pero` ma jirrizultalhiex li t-Tribunal agixxa oltre l-poteri tieghu. Kull ma kellu jaghmel kien li mill-provi migbura jiddeciedi jekk it-tkeccija ta' l-impjegat mill-impieg kinitx gusta jew le. Jekk il-kaz gie intavolat erronjament kontra persuna li mhux il-legittimu kontradittur, kien jinkombi proprju fuq din il-persuna li ggib dan il-fatt a konjizzjoni ta' l-istess Tribunal.*"

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta' l-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------